**Talbiet**

— tordna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti s-somom indikati fl-Iskeda annessa mar-rikors flimkien mal-interssi mis-16 ta' Marzu 2013 sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tordna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż.

Alternattivament, u b'mod sussidjarju, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja joġġhobha:

— tiddikjara li l-Unjoni Ewropea u/jew l-istituzzjonijiet konvenuti sostnew responsabbiltà mhux kuntrattwali;

— tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex jiġi stabbilit id-dannu effettivament subit mir-rikorrenti;

— tordna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti (48 fit-total) huma depożitarji u/jew azzjonisti u/jew detenturi ta' bonds tal-Bank of Cyprus Public Company Ltd u/jew tas-Cyprus Popular Bank Public Co. Ltd. Huma qed jitolbu skont l-Artikoli 340(2) u 340(3) TFEU, li jirregolaw r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-UE, għad-dannu li huma soffrew minħabba l-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet konvenuti li jimponu skema ta' bail-in fuq ir-Repubblika ta' Ċipru.

Ir-rikorrenti jqisu li l-istituzzjonijiet konvenuti adottaw skema ta' bail-in għar-Repubblika ta' Ċipru li wasslet direttament għat-telf tad-depożiti u tal-azzonijiet tagħhom. Fil-fehma tar-rikorrenti, il-miżuri ta' bail-in adottati mir-Repubblika ta' Ċipru kienu introdotta biss sabiex jimplimentaw miżuri adottati mill-konvenuti u kienu approvati wkoll mill-istituzzjonijiet konvenuti.

Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-iskema ta' bail-in tikser id-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mill-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ir-rikorrenti jargumentaw ukoll li l-iskema ta' bail-in tikser ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettativi leġittimi, u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2014 – Unilever vs UASI – Technopharma (Fair & Lovely)

## (Kawża T-811/14)

(2015/C 073/53)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Unilever NV (Rotterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: A. Fox, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Technopharma Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "Fair & Lovely" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4 045 09

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 1004/2014-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tissospendi l-proċeduri fil-Każ R 1004/2013 4 sakemm jiġu deċiżi l-kawżi għall-annullament nazzjonali kontra r-reġistrazzjonijiet u applikazzjonijiet nazzjonali preċedenti li fuqhom ibbażat ruħha Technopharma Ltd. fi Spanja, il-Ġermanja, Franza, il-Benelux u r-Renju Unit;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikoli 64(1) u 75 tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tar-Regoli 20(7)(ċ) u 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2014 – Alfamicro vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-831/14)**

(2015/C 073/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Alfamicro – Sistemas de Computadores, Sociedade Unipessoal, L$^{da}$ (Cascais, il-Portugall) (rappreżentanti: G. Gentil Anastácio u D. Pirra Xarepe, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara n-nullità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Ottubru 2014, adottata fl-ambitu tal-implementazzjoni tal-Verifika Finanzjarja 12-DAS-03, dwar il-Grant Agreement Nru 238882, bil-konsegwenzi legali kollha, b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-annullament tan-nota ta' debitu inkluża fiha, li tammonta għal EUR 467 131, u l-ħruġ ta' kreditu tal-istess ammont favur ir-rikorrenti.